



Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7490/19

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0327(NLE)

MAR 66
CHINE 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	11476/15 MAR 88 CHINE 15 15750/14 MAR 179 CHINE 5 + ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea – Adozzjoni

KUNTEST U KONTENUT TAL-PROPOSTA

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2014.
2. Il-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, min-naħa l-oħra¹ (il-"Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008.
3. Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, il-Kroazja għandha taderixxi għall-Ftehim permezz ta' protokoll bejn il-Kunsill u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

¹ ĠU L 46, 21.2.2008, p. 25.

4. Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ġiet awtorizzata mill-Kunsill biex tinnegozja Protokoll li jemenda l-Ftehim (il-"Protokoll") biex tittieħed inkunsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.
5. Il-Protokoll ġie inizjalat fi Brussell fl-20 ta' Ġunju 2014.
6. Fit-2 ta' Marzu 2015, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-Protokoll.
7. Il-Protokoll ġie ffirmat fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2018.

ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu eżamina l-proposta fit-12 ta' Diċembru 2014. Id-delegazzjonijiet ma kkummentawx dwar il-proposta.
9. Fl-14 ta' Settembru 2015, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti, u ddeċieda li jibagħtu lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.
10. Fis-7 ta' Jannar 2019, il-Kunsill talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

ĦIDMA FIL-PARLAMENT EWROPEW

11. Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-kumitat responsabbli tal-Parlament, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, ħatar lis-Sur Francisco Assis (S&D-Portugall) bħala rapporteur.
12. Fit-12 ta' Marzu 2019, il-Parlament iddeċieda li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

KONKLUŻJONI

13. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/il-Kunsill huma mistiedna jadottaw id-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokumenti 5083/15 u 5880/15, imħejjija mill-ġuristi lingwisti.